MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2009

Numru 1266/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Osunde Kenneth**

**SEDUTA TAL-LUM 28 TA' NOVEMBRU TAS-SENA 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Osunde Kenneth ta' nazzjonalita' Nigerjana, imwieled f'Edo States, Nigerja fl-14 ta' Jannar ta' l-1984, iben Usundi u Rose, numru moghti mill-Pulizija 08XX-071;

Akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta’ Novembru tas-sena 2009 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport u karta ta’ l-identita` jew uza jew kellu fil-pussess tieghu passaport u karta ta’ l-identita` li hu jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom bin-numri 942517 u AR55443300 rispettivamnet u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija

u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu (1) (d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li taghtu l-opportunita’ jirrikonsidra tali dikjarazzjoni ghazel li jikkonfermaha;

Rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-artikolu 189 tal-Kap 9, l-artikolu 32(1) (d) tal-Kap 217 u l-artikolu 17 (b) tal-Kap 9 u wara li qieset i-cirkostanzi kolha tal-kaz inkluz il-fatt li ghamel uzu qarrieqi minn dokumenti foloz, tikkundannah ghall-prigunerija ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------